IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru5 (Ħamsa) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 7 t' Ottubru, 2024, fl-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg<br>Raymond Duncan<br>Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**5.1. Item Nru 5.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

5.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.35pm u kien hemm kulħadd preżenti. Is-Sindku qal li ser jissospendi l-laqgha u l-Agenda sabiex inkunu nistgħu niddiskutu mal-Accountant.

5.1.2 Il-laqgħa kompliet fis-6.34pm.

**5.2 Item Nru. 5.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

5.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u kien hemm dawn il-korrezzjonijiet.

Minuta 3.4.10 korrezzjoni għaliex il-punt tqajjem mil-Kunsilliera Mary Doris Borg.

Wara dawn il-korrezzjonijiet il-Minuti ittieħdu approvati.

IX-XGĦAJRA

5.3 **Item Nru. 5.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.3.1 Is-Sindku qal li kellu laqgħa dwar l-art ta' fejn il-ground tal-futbol li għaliha kien hemm ukoll il-Ministru Clifton Grima. Hu qal li wara laqgħa mal-Kumitat tal-futbol tax-Xgħajra jidher li l-art ser tingħata lura lill-Kunsill.

5.3.2 Is-Sindku tkellem dwar l-iskambju li applikajna għalih ma' entitajiet u kunsill minn pajjiżi oħra ewropej sabiex inkunu nistgħu immorru jew jiġu huma fuq proġett European for Citizens.

5.3.3 Is-Sur Attard qal li tal-ATM qalulna li kull ma rridu nidentifikaw il-post fejn qed nipproponu. Il-Kunsill qabel li l-post ikun l-għassa tal-Pulizija fi Triq il-Knisja.

5.3.4 Is-Sindku qal li dwar il-magna tal-BCRS il-proċess miexi u din ser issir fejn il-Kunsill.

5.3.5 Is-Sindku qal li dwar l-Expression of interest tal-Contracts Manager ser jintbgħat l-avviż lid-DOI u jkun jista jintwera fuq il-Gazzetta tal-Gvern.

5.3.6 Is-Sur Attard qal li dwar il-Passaporti tal-Heritage Malta il-Kunsill ippublika post fuq Facebook sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jiġu l-Kunsill bl-ID Card u japplikaw.

5.3.7 Is-Sindku qal li wara li tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv jidher ċar li hemm il-ħtieġa imminenti ta' persuna oħra fl-uffiċċju bħala skrivan/a. Hu qal li tkellem mal-CWS sabiex naraw hemmx xi ħadd a disposizjoni li jista jokkupa din il-kariga. Il-CWS qalulna li fi ftit ġranet ser ikun qed jintbgħat persuna.

5.3.8 Is-Sindku qal li l-istages għamilna manutenzjoni temporanja sabiex in-nies ikunu jistgħu jistkennu taħtu minajr taqtir ta' xita nieżel fuqhom.

5.3.9 Is-Sur Attard qal li għandna tlett attivitajiet li ġejjin fil-qarib. Dawn huma waħda tal-anzjani fix-Xgħajra stess fit-23 t' Ottubru, imbgħad ta' Halloween għat-tfal nhar l-1 ta' Novembru kif ukoll ta' San Martin fl-10 ta' Novembru.

Għal ta' Halloween ser jinxtara l-ħelu u xi tiżjin sabiex inkunu nistgħu nagħmlu trick or treat fejn it-tfal jieħdu tant pjaċir biha.

Nhar l-10 ta' Novembru, Jum San Martin il-Kunsill ser jorganizza ħarġa għall-Baħrija fejn jiġi ċċelebrat San Martin. Hemm ser immorru bil-coach u niltaqgħu fit-8am quddiem il-Knisja tax-Xgħajra. Bookings ser jinfetħu fil-jiem li ġejjin.

5.3.10 Is-Sur Attard qal li fil-jiem li għaddew iġġarraf ħajt fi Triq it-Torri t'Alof De Wignacourt u ser jiġi rranġat mil-ħaddiema tal-Cleansing. Għalhekk nirringrazzjak lis-Sur Ramon Deguara u lil Onor. Glen Beddingfield tal-għajnuna.

5.3.11 Is-Sindku qal li ser isiru cameras ta' sigurtà fejn il-barumbara fi Triq it-Torri t' Alof De Wignacourt biex jitnaqqas il-qżież ta' nies isuqu bl-addoċċ u bi speed eċċessiv.

5.3.12 Is-Sur Attard qal ukoll li sar xogħol ta' żbir fuq siġar fi Triq Karmelo Ritchie.

**5.4 Item Nru 5.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

5.4.1 Is-Sur Michael Mifsud qal li fil-Manifest Elettorali il-Kunsill ġdid irid jaħdem biex issir id-Devoluzzjoni tal-Għassa li tinsab magħluqa u li fiha potenzjal fejn fiha jista jsir Ċentru għall-Komunità u jista jsir anke taħriġ.

5.4.2 Is-Sur Mifsud ippropona li jsir dawl dekorattiv ġdid tax-Xatt fejn Triq l-Ispnott k/m Dawret ix-Xatt għaliex hemm ħafna dlam. Is-Segretaju Eżekuttiv qal li minħabba li hemm il-ħsieb li tinqala t-triq u l-bankina ikun aktar għaqli li għalissa nagħmlu floodlight sabiex insolvu l-problema tad-dlam. Kulħadd qabel.

5.4.3 Is-Sur Mifsud qal għalfejn bollard fejn il-grocer ta' Triq il-Knisja saret u hemm isfel le. Is-Sindku qallu li dik ser issiru ukoll m'hemm problema.

5.4.4 Is-Sur Mifsud qal li hemm problema fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja il-parti t'isfel li l-asfalt qed jinżel. Għalhekk ippropona li niktbu lil Infrastruttura Malta ninfurmawhom b'dan.

5.4.5 Is-Sur Michael Mifsud qal l-pjanċi li saru minn IM fi Triq il-Knisja qed jagħmlu ħafna storbju. Is-Sindku qal li ser ngħaddu l-ilment pero ma tantx hemm ħafna x'tista tagħmel.

5.4.6 Is-Sur Mifsud issuġġerixxa sabiex inkellmu lil tal-Cleansing forsi jgħinuna fil-qtugħ ta' ħaxix tal-area fejn jaraw il-football. Kulħadd qabel.

Fis- 7.02pm il-laqgħa ġiet sospiża biex issir laqgħa oħra.

Il-laqgħa tkompliet fis-7.40pm.

5.4.7 Is-Sinjura Doris Borg qalet li dwar il-protest tal-ġirien tal-librerija issa għandna risposta mingħand l-Avukat li jtina saħħa li għandna dritt nagħmlu dak li jidrilna għal komunità. Is-Sur Mifsud qal li għalih għandu jkun hemm ħin stabbilit ta' ftuħ u ta' għeluq

mhux ikun miftuħ il-ħin kollu. Hu kompla u qal li jrid skeda ta' kif qed jintuża. Is-Sa. Borg qalet li mhux dejjem ikun possibbli għaliex hi flessibbli biex jekk dak li jkun ikollu bżonn sessjoni ta' taħriġ fil-ftit ħin liberu li jkollu hi tipprova tgħinu wkoll. Wara diskussjoni xorta baqa ma kienx hemm qbil.

5.4.8 Is-Sa Doris Borg  staqsiet lil Viċi Sindku għaliex dan ma kkupjaħiex f'email li intbgħatu minnu lis-Surmast tal-iskola rigward l-Edukazzjoni. Is-Sur Mifsud qal li hu wieġeb l-email permezz ta' Reply to all li kien irċieva mingħand is-Sindku.

Is-Sa Borg qalet li x-xogħol ta' koperazzjoni mal-iskola miexi sew kif ukoll ġiet il-Prinċipal u din sodisfatta bis-sitwazzjoni preżenti. L-Iskola għamlet ukoll skola oħra temporanja u tat-aċċess minn skola għal oħra.

5.4.9 Is-Sa. Borg qalet li l-ħajt ta' Triq l-Awrat kompla jiġġarraf u hemm ħafna ġebel maqlugħ. Dan jinsab perikoluż immens. Is-Sindku qal li ħa nerġgħu inkelmu lil IM.

5.4.10 Is-Sa. Borg qalet li għandna proposta biex isiru sessjonijiet tal-*Line Dancing* fix-Xgħajra. Il-Kunsill qabel pero ikollna bżonn ta' aktar informazzjoni.

5.4.11 Is-Sa. Borg qalet li fi Triq San Ġakbu hemm bżonn ta' sinjali refreshing għaliex intfew.

5.4.12 Is-Sinjura Borg qalet li irridu naħsbu x'jista jsir quddiem iz-zuntier tal-Knisja għaliex qed jipparkjaw karozzi bl-addoċċ u ġieli anke trakkijiet.

5.4.13 Is-Sa Borg qalet li hemm proposta interessanti biex jibdew jiġu studenti mil-Universita ta' Malta jagħmlu Health checks bħal pressjoni, zokkor, u informazzjoni fuq is-saħħa inġenerali. Kulħadd qabel li nibdew nagħmlu dawn it-tip ta' sessjonijiet għaliex interessanti ħafna.

5.4.14 Is-Sinjura Doris Borg semmiet il-proposta tal-Kunsilli tat-Tfal sabiex nippjanaw li niltaqghu magħhom u li tkun hi bħala rappreżentanta. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

5.4.15 Is-Sa. Borg ipproponiet li ssir librerija żgħira fil-bandli sabiex wieħed ikun jista jieħu ktieb u jaqra kif ukoll jista jpoġġi xi kotba minn tiegħu li jkun lest minnhom. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta sabiħa favur il-qari u ser naraw kif nistgħu inwettquha.

5.4.16 Is-Sinjura Doris Borg issuġġeriet li jsir xi bank tal-konkos fuq il-ħajt tas-sejjiegħ għaliex qed jaqaw il-ġebel minnu. Il-Kunsill iddiskuta imma l-konklużjoni kienet li ħajt tas-sejjiegħ ma jkollux il-konkos fuq allura ma tantx hemm x tista tagħmel.

5.4.17 Is-Sinjura Dorsi Borg qalet li ser tattendi għal seminar fuq l-anzjani nhar it-28 ta' Novembru li ser ikun organizzat mil-AKL u ser isir is-Salini Resort.

5.4.18 Is-Sa Borg qalet li qed taħdem fuq reċta mal-iskola dwar San Martin. Din ser issir nhar it-8 ta' Novembru.

5.4.19 Is-Sur Raymond Duncan qal li ġewwa Sqaq it-Tuta hemm residenti barranin li dawn qed joħorġu l-iskart mhux skond l-iskeda. Tajjeb li nitfgħulhom xi karti jew naraw min hu is-sid u jieħu r-responsabilta hu.

5.4.20 Is-Sur Duncan ippropona li fi Triq il-Knisja u fejn Triq iċ-Ċern max-Xatt inħawlu il-Carissa Titolera li hemm bħala int u tiela t-tela' lejn Smart City. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

5.4.21 Is-Sur Duncan tkellem fuq il-land reclamation u qal li hawn ħafna preokkupazzjoni minħabba li n-nies raw xi għaddasa mal-Pulizija fil-baħar u kienu qishom qed jistudjaw dan il-proġett. Is-Sindku qal li l-Kunsill minn dejjem kien kontra l-land reclamation u kulħadd qabel li anke l-Kunsill preżenti.

5.4.22 Is-Sa Antonia Buttigieg staqsiet jekk tal-Linja jistgħux jibdew jidħlu lejn l-impjant tad-drenaġġ. Is-Sindku qal li diġa konna pruvajna pero irridu napprezzaw il-fatt li tal-Linja ma tistax tkopri ir-residenti kollha. Jekk naħsbu ftit Ħaż Żabbar ma tidholx lejn il-biċċieni u lanqas lejn il-Misraħ.

5.4.23 Is-Sa Antonia ilmentat li tal-linja jitilqu 2 kull kwarta. Is-Sindku qal li diġa kellimna lil tal-Public Transport din is-sena stess pero r-risposta kienet fin-negattiv.

5.4.24 Is-Sa Buttigieg staqsiet nistgħux nagħmlu toilet u sink fil-garage tal-bandli. Is-Sindku qallha li ser ikun hemm toilet għall-pubbliku isfel.

**5.5 Item Nru. 5.5 fuq l-Aġenda – Rapport Finanzjarju tat-tieni kwart.**

5.5.1 Ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart ġie ippreżentat u approvat mil-Kunsill. Proposta mis-Sindku u ssekondat mil-Viċi Sindku.

**5.7 Item Nru. 5.7 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

5.7.1 Is-Sinjura Borg xtaqet tirrimarka fuq minuta 3.4.11 li hi meta talbet biex tkun skużata għamlet dan biex ma taqax għall-provokazzjoni u għajjat.

**5.8 Item Nru. 5.8 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

5.8.1 Pagamenti b'numru 4 ġew approvati unanimament.

**5.9 Item Nru. 5.9 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet**

5.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**5.10 Item Nru. 5.10 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

5.10.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 11 ta' Novembru fil-5pm

__________________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

__________________________

Neil Attard

Sindku